**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta Collisions**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Brandon Busuttil**

**Illum, 28 ta' Settembru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra Brandon Busuttil, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 125097M, li permezz taghhom gie akkuzat talli:

1. *Nhar l-1 ta' Novembru 2016 ghal habta ta' nofs il-lejl nieqes hamsa (23:55hrs) gewwa Dawret il-Gudja, il-Gudja, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, b'vettura bin-numru ta' registrazzjoni BRN 173, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Calleja mill-Gudja, hekk kif icertifika*

*Dr J Mifsud med reg 3231 bi ksur tal-artikoli 225 u 226(1)(a) (C) u 218(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara involontarja fuq il-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni BCG 078 u BRN 173, u dan ghad-dannu ta' Amria Calleja u Brendaline Attard bi ksur tal-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
3. *U aktar talli saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BRN 173 b'manjiera perikoluza, traskurata u negligenti bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' Brandon Busuttil ghal zmien li jidhirlha xieraq.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti;

Semghet trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Bhala xhieda u provi, tressqu s-segwenti:

Gietipprezentata l-okkorrenza, li fost ohrajn hemm imnizzel fiha li PC 916 gibed l-attenzjoni ta' PS 816, li hekk kif wasal fuq il-post, sab lil Brandon Busuttil, li kien

fin-naha l-ohra tat-triq, li kien barra mill-vettura tieghu, u li stqarr li huwa gej mir-roundabout tal-Airport, direzzjoni Hal Ghaxaq, u tal-Vitz kienet qed issuq f'nofs ta' triq, u sehh l-impatt.

PS 816 Shawn Vassallo, xehed li fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Novembru 2016, ghal habta ta' nofs il-lejl, gie nfurmat li sehhet habta bejn zewg vetturi, u kien hemm il-feruti f'Dawret il-Gudja, il-Gudja. Huwa nforma lil PC 916 u l-PC 1547 sabiex imorru fuq il-post. In fatti, huma lkoll marru fuq il-post, u hemmhekk innota zewg vetturi mahbutin; vettura minnhom kienet bin-numru ta' registrazzjoni BCG 078, u l-ohra BRN 173. Spjega li fuq il-post giet ambulanza li hadet lis-sewwieq ta' BCG 078, Maria Calleja, l-isptar, kif ukoll hadet lis-sewwieq tal-vettura l-ohra. Spjega li meta mar Mater Dei, huwa gie nfurmat li Maria Calleja kienet fil-periklu tal-mewt.

Sussegwentement, b'ordni ta' din il-Qorti, u stante li l-Qorti kienet infurmata li t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' PS816 ma kinitx instabet, PS 816 rega' xehed, fejn rega' kkonferma l-verzjoni moghtija minnu, filwaqt li kkonferma li kienet WPC 347 li hejjiet ir-rapport NPS5/I/2344/2016.

PC 881 Nicholas Caruana, spjega li bejn il-lejl tal-1 u t-2 ta' Novembru 2016, huwa gie nfurmat li sehh incident f'Dawret il-Gudja, u x'hin mar fuq il-post, huwa ra zewg vetturi maqbudin go hajt, fil-karreggjata min-naha tal-ajruport, direzzjoni ghal Hal Ghaxaq. Spjega li l-ambulanza hadet lis-sewwieqa l-isptar. Spjega li Maria Calleja kienet fil-periklu tal-mewt, mentri Brandon Busuttil, lanqas ma seta' jaghti l-verzjoni tieghu. Spjega li mbaghad, kien rega' mar fuq il-post, u t-triq regghet inghalqet.

Sussegwentement, b'ordni ta' din il-Qorti, u stante li l-Qorti kienet infurmata li t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' PC881, ma kinitx instabet, PC881 rega' xehed fejn sostna li huwa kien osserva karozza Toyota Vitz u BMW mahbutin go xulxin, u li s-Surgent kien ha hsieb kollox. Sostna li huwa ma kellem lil hadd mill-persuni nvoluti.

Fl-atti tal-inkjesta, gewipprezentati varji rapport, u cioè:

i. Rapport ta' Dottor Mario Scerri, li kkonkluda li Maria Calleja kienet qieghdha ssuq f'Dawret il-Gudja, gejja fid-direzzjoni ta' Marsaxlokk, meta din kienet involuta f'incident tat-traffiku. Osserva li din ma ftakritx

dettalji tal-incident u li ddahhlet l-isptar Mater Dei bi fratturi gravi per durata;

ii. Rapport tal-Perit Richard Aquilina, li ghamel varji konstatazzjonijiet fuq il-post tal-incident;
iii. Rapport ta' Mario Buttigieg; u
iv. Rapport ta' SOCO Officer.

Waqt l-adempiment tal-inkarigu tieghu, Mario Buttigieg sema' x-xhieda ta' Brandon Busuttil, u dana wara li nghata d-drittijiet legali tieghu, u anke nghata l-*caution.* Fost ohrajn huwa spjega li kien gej mill-McDonalds tal-Ajruport, u kif qabad Dawret il-Gudja, u kien ghaddej fuq il-karreggjata tieghu, huwa ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta, li kienet qed issuq fuq il-karreggjata tieghu. Spjega li huwa ma jafx ghalfejn din il-vettura nstaqet fil-karreggjata tieghu, peress li dak il-hin, ma kien hemm l-ebda vettura quddiema. Spjega li wara l-habta, huwa qala' is-*seat belt* u hareg mill-vettura, u ntilef minn sensih. Sostna li huwa jiftakar li tkellem ma' Pulizija a tempo vergine, u spjegalu kif sehh l-incident. Sostna li huwa kien ghaddej b'velocità ta' mhux aktar minn sittin kilometru fis-siegha. Ikkonferma li huwa ra lil xi hadd jitfa' xi debris ma' genb it-triq, izda ma jafx kif intefa'.

Mario Buttigieg sema' x-xhieda ta' Maria Calleja, u dana wara li nghatat id-drittijiet legali taghha, u anke nghatat l-*caution.* Din spjegat li dakinhar tal-incident, kienet ghadha kemm telqet minn Wied il-Ghajn mid-dar tal-gharus taghha, u kienet sejra lejn id-dar. Sostniet li ma kinitx xorbot *alcohol*, u kif kienet ghaddejja f' Dawret il-Gudja, kull ma tiftakar dija kbira f'ghajnejha, u xejn izjed. Sostniet li dakinhar, ma kinitx ghajjiena, u kienet anke strahet wara nofsinhar. Sostniet li kagun ta' dan l-incident, hija wegghet gravi, u sa dakinhar li tat ix-xhieda taghha, kienet ghadha fil-*wheelchair.*

Gie pprezentat affidavit ta' Dottor Josef Mifsud li ddeskriva l-griehi sofferti minn Maria Calleja, u kkonkluda li dawn kienu ta' natura gravi.

Brendaline Attard xehdet, fejn spjega li hija ma kinitx prezenti waqt l-incident, u kien cemplilha binha, Brandon Busuttil. Spjegat li hija marret fuq il-post peress li binha kien qalilha li kien dahal xi hadd fih. Sostniet li hija osservat il-vetturi mahbuta li kienu fuq il-lane tal-*left*, u kienu *head-on.* Spjegat li binha kien bilwieqfa fejn il-karozza. Qalet li kulma qalilha kien li ra d-dawl gej fuqu u habat. Ikkonfermat

li binha sofra xi griehi fl-incident. Ikkonfermat li l-hsarat fil-vettura ta' binha, kienu fuq quddiem.

Brendaline Attard spjegat li binha kien cemplilha u qalilha li kien dahal xi hadd go fih. Ikkonfermat li meta marret fuq il-post, binha kien qalilha li ra dawl gej fuqu. Spjegat li hija ma marritx ma' binha fl-ambulanza, izda baqghet ftit fuq il-post. Spjegat li rat hafna Pulizija bit-torcijiet ifittxu, u baqghu jfittxu sakemm telqet hi. Spjegat li kienu qed jippruvaw isibu xi marki. Spjegat li damet hemmhekk madwar nofs siegha jew tliet kwarti.

PS 347 Jessica Gatt xehdet, fejn spjegat li bejn il-lejl tal-1 u t-2 ta' Novembru 2016, gew infurmati li sehhet kollizzjoni bejn zewg vetturi gewwa Dawret il-Gudja. Spjegat li x'hin marret fuq il-post, kien hemm l-ambulanza. Sostniet li t-triq inghalqet. Ikkonfermat li kienet hi li dahlet ir-rapport fuq is-sistema tal-NPS.

Crystal Cuschieri xehdet li hija kienet qieghda l-Gudja fejn il-bandli, u semghet impatt qawwi. Spjegat li xhin hargu mill-bandli, hemm *stop sign* u sabet lill-vetturi faccata. Spjegat li l-habta kienet wahda kbira. Qalet li s-sewwieq tal-BMW kien hareg mill-karozza. Spjegat li hija marret fejn is-sewwieqa tal-Vitz biex tghinha, ghax kienet tidher li kellha griehi gravi. Spjegat li s-sewwieqa talbitha l-*mobile* biex iccempel lil ommha, u hija kienet baqghet maghha sakemm giet ommha. Sostniet li hija ma ratx il-vetturi jahbtu peress li kienu già mahbutin. Spjegat li l-vetturi kienu mahbutin kwazi mal-hajt faccata.

Maria Calleja xehdet li fl-1 ta' Novembru 2016, hija telqet minn Wied il-Ghajn, ghal habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl. Kienet sejra lura l-Gudja. Sostniet li hija kienet tajba biex isuq, fis-sens li la kienet ghajjiena, u lanqas kienet xurbana. Sostniet li kienet gejja min-naha ta' Hal-Ghaxaq, u sejra n-naha tal-Ajruport, f'Dawret il-Gudja. Sostniet li l-bqija tal-incident ma tiftakrux. Hija qamet f'xil-hamsa ta' filghodu gewwa l-ITU, u bdiet tistaqsi x'gara, fejn bdew jghidulha li kellha incident bil-karozza. Spjegat li sofriet ksur fil-*pelvis* iz-zewg nahat, fil-*jaw* u fil-kustilji. Spjegat li l-incident sehh f'Novembru, u dahlet lura ghax-xoghol f'Marzu, izda kienet ghadha bil-krozzi u fuq *light duties.* Damet xahrejn ohra biex bdiet tahdem normali. Hija kkonfermat li l-vettura li kienet qed issuq kellha numru ta' registrazzjoni BCG078, u kienet tat-tip Toyota Vitz.

Dottor Mario Buttigieg xehed f'dawn il-proceduri, fejn ikkonferma r-rapport ippreparat minnu fl-inkjesta magisterjali. Sostna li din kienet *a head-on collision*. Spjega li kulhadd kien sostna li kien qed isuq fuq in-naha tieghu. Madanakollu, huwa kien ra brix mal-art, li bazikament gew mill-karreggjata tan-naha tal-lemin ghas-sewwieq tal-BMW, u baqghu sejrin dritt ghal taht il-vettura tieghu (fol 61 tal-process). Sostna li l-*ispot of impact,* dakinhar qabel ma wasal fuq il-post, kien tnehha kollu, u litteralment kien fil-genb tat-triq. Spjega li ghalhekk huwa wasal ghal dik il-konkluzjoni.

In kontroezami, huwa spjega li d-debris li kien hemm mal-art tnehha kollu, u ntefa' fuq ic-cint qabel ma' wasal hu fuq il-post tal-incident. Spjega li huwa talab sabiex issir indagni fuq min nehha d-debris. Huwa sostna li ma jiftakarx li kien gie mitkellem minn omm l-imputat dwar il-brix in kwistjoni.

Brandon Busuttil xehed, fejn spjega li kienu ghal habta tal-hdax u nofs u nofs il-lejl li kien ghadda l-Mc Donalds ta' Hal-Luqa, u xtara *milkshake*. Spjega li kien sejjer lura d-dar lejn Haz-Zabbar, dar id-dawra tal-Gudja, u kien miexi dritt. Spjega li ra karozza gejja lejh, u baqghet gejja go fih. Spjega li huwa kien fil-karreggjata tax-xellug, sejjer lejn in-nofsinhar. Spjega li huwa ra l-vettura gejja mill-boghod. Ikkonferma li huwa kien fil-karreggjata tieghu, u cioè dik tax-xellug. Sostna li huwa ra l-karrozza li kienet fuq il-karreggjata tal-lemin, gejja ghal fuq il-karreggjata tieghu tax-xellug. Sostna li ra karozza gejja ghal fuqu, u ma seta' jaghmel xejn iktar. Insista li huwa kien fuq il-karreggjata tieghu, u l-karozza kienet gejja direzzjoni opposta tieghu, u dahlet go fih. Spjega li t-tnejn spiccaw fuq il-karreggjata tieghu. Sostna li huwa baqa' gol-istess karreggjata, anke wara l-incident. Sostna li huwa fl-ebda mument ma dahal gol-karreggjata l-ohra.

Kompla jghid li wara l-impatt, il-karozzi strahu fuq il-karreggjata tieghu. Spjega li mess wiccu, li kellu hafna demm, u ntilef minn sensih. Imbaghad faqqa' is-*seat belt* u fetah il-bieba, filwaqt li ntelaq mal-art. Qal li kien hemm hafna zejt u diesel, u kaxkruh fil-genb tal-bankina, fejn gew xi ambulanzi. Sostna li kien ta l-verzjoni tieghu lill-espert tal-inkjesta xi erbat ijiem wara l-incident. Huwa cahad li xorob xi alcohol. Sostna li huwa cert mid-dinamika tal-incident. Sostna li huwa ntilef minn sensih wara l-impatt.

In kontroezami, huwa spjega li ghamel lejl l-isptar, u filghodu telaq. Sostna li huwa ma kellux griehi serji. Ikkonferma li s-sewwieqa l-ohra kellha griehi serji. Spjega li

ma kienx hemm traffiku fuq il-karreggjata tieghu. Ikkonferma li Dawret il-Gudja hija triq twila. Spjega li fejn sehh l-impatt, kien fil-parti dritta tat-triq, u ghalhekk huwa seta' jara lill-vettura l-ohra gejja. Huwa kien ra l-vettura l-ohra madwar 20 jew 30 metru mill-boghod. Huwa osserva l-vettura l-ohra tinstaq fil-karreggjata taghha u diehla ghal gol-karreggjata tieghu. Sostna li huwa meta ra hekk, kiser ghal gol-hajt halli jipprova jevitha, ghax ma kienx ser jikser ghal gol-karreggjata l-opposta. Ikkonferma li fil-karreggjata, vettura wahda toqghod. Sostna li huwa kien ghadu kemm hareg mill-kisra, u kien qieghed fit-triq dritta. Huwa kien lahaq mexa daqs qisu tliet karozzi tul minn mal-kisra. Ikkonferma li l-kisra ddur lejn ix-xellug. Huwa sostna li kien qed isuq fil-karreggjata tieghu. Spjega li waqt li kien qed idur il-liwja, kien ghaddej bi speed ta' 40 jew 50 kilometru s-siegha. Cahad li kien ghaddej b'aktar velocita.

In riezami, huwa rega' qal li jinsab cert li fl-ebda hin, kemm qabel il-liwja, fil-liwja u wara l-liwja fid-dritt qabel l-impatt, ma kien qieghed fil-karreggjata l-opposta.

In kontroezami, huwa spjega li l-kulur tal-vettura tieghu kienet blu.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti fliet l-atti processwali kollha, inkluz dawk kontenuti fl-inkjesta magisterjali. Tqis li l-imputat ta verzjoni a tempo vergine, li anke giet ikkorraboratha minn ommu, li spjegat id-diskors li qalilha binha ftit hin wara li sehh l-incident. Din il-verzjoni tnizzlet ukoll fir-rapport tal-incident peress li ntqalet lil PC 916, li ghal xi raguni ma tressaqx bhala xhud f'dawn il-proceduri. L-istess verzjoni izda, b' iktar dettall, rega' taha waqt id-depozizzjoni li saret quddiem l-espert Mario Buttigieg, mahtur fl-inkjesta, liema depozizzjoni nghatat ftit jiem biss wara li sehh l-incident. L-imputat rega' xehed fl-atti ta' din il-kawza, u nonostante t-trapass taz-zmien, huwa baqa' dejjem isostni l-istess verzjoni, u cioè li huwa kien qed isuq fil-karreggjata tieghu, meta ra l-vettura misjuqa minn Maria Calleja tinstaq mill-karreggjata opposta, ghal gol-karreggjata fejn kien qed isuq hu. Kagun ta' hekk, sehhet il-kollizzjoni.

Mill-banda l-ohra, Maria Calleja qatt ma tat verzjoni dwar id-dinamika ta' dan l-incident, la a tempo vergine, lanqas meta ngabret id-depozizzjoni taghha mill-espert

Mario Buttigieg, u lanqas waqt is-smigh ta' din il-kawza. Dana peress li hija ma tiftakar xejn minn dan l-incident.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tar-rizultanzi li wasal ghalihom l-espert Mario Buttigieg, fejn dan spicca kkonkluda li l-incident sehh b'rizultat ta' sewqan perikoluz da parti tal-imputat. Madanakollu, din il-Qorti assolutament ma taqbilx li fil-mori u smigh ta' din il-kawza, tressqu provi lil hinn minn kull dubju ragonevoli, li jippruvaw li l-imputat kien hati tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tieghu. Dana qed jinghadd ghal diversi ragunijiet li sejrin jigu elenkati minn din il-Qorti:

i. Fl-ewwel lok, id-*debris* li kien hemm mal-art fuq is-sit fejn sehh l-incident, ma seta' jaghti l-ebda indikazzjoni dwar l-*spot of impact*. Dana peress li qabel ma' Mario Buttigieg wasal fuq is-sit tal-incident, xi hadd mhux maghruf kien nehha d-*debris* li kien hemm, u tefghu fuq jew fejn l-istess cint/hajt.

ii. Fit-tieni lok, entrambi z-zewg vetturi spiccaw mac-cint/hajt li kien hemm fil-karreggjata li fiha kienet qed tinstaq il-vettura tal-imputat. Mario Buttigieg sahaq li l-incident sehh fil-karreggjata l-ohra, izda mbaghad l-imputat dawwar l-isteering, bil-konsegwenza li z-zewg vetturi baqghu sejrin dritt ghan-naha l-ohra tal-karreggjata l-ohra fl-estremita taghha, u cioè gol-hajt/cint. Meta l-Qorti fliet ir-ritratti li jindikaw fejn garrbu l-hsarat entrambi l-vetturi, kif ukoll li jindikaw fejn u kif spiccaw il-vetturi wara l-incident, din il-Qorti ma tistax tasal ghall-istess konkluzzjoni li wasal ghaliha l-espert Mario Buttigieg. Nonostante l-fatt li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet vettura ikbar minn dik misjuqa minn Maria Calleja, din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzzjoni li Calleja kienet qed issuq fil-karreggjata taghha, u mbaghad spiccat mac-cint/hajt fil-karreggjata opposta. Tikkombaca iktar il-verzjoni kostanti li ta l-imputat dwar kif sehh l-incident, fis-sens li huwa kien fil-karreggjata tieghu, u li kienet il-vettura misjuqa minn Calleja li dahlet ghal gol-karreggjata opposta, bil-konsegwenza li sehh l-impatt, u spiccaw fl-istess karreggjata fejn il-hajt/cint li hemm f'dik l-istess karreggjata.

iii. Fit-tielet lok, il-fatt li ma nstabux *brakemarks*, juri li hadd mis-sewwieqa ma pprova jieqaf. Juru wkoll li lanqas ittiehdet xi azzjoni evaziva da parti ta' Maria Calleja jew tal-imputat.

iv. Fir-raba' lok, l-espert Mario Buttigieg jishaq hafna fuq xi brix li gew osservati f'din it-triq fejn sehh l-incident. Skont Buttigieg, dawn il-brix

thallew mal-art mill-vettura misjuqa mill-imputat, u li dawn il-brix bdew minn fuq il-*carriage way markings,* u baqghu ghaddejjin sa taht il-vettura BMW. Gew ukoll ipprezentati ritratti ta' dan il-brix. Madanakollu, b'kull rispett, din il-Qorti ma tqisx li gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li dan il-brix mal-art kien proprju gie kkawzat mill-vettura misjuqa mill-imputat f'dan l-incident in ezami. Fl-ebda parti tar-rapport ta' Mario Buttigieg, ma gie indikat li waqt l-ezami li saret tal-vettura misjuqa mill-imputat, gew osservati xi brix taht il-vettura misjuqa mill-imputat. Jekk propjru dan il-brix osservat mal-art gie kkagunat mill-vettura misjuqa mill-imputat, kellu jsir ezami mill-istess espert biex jara jekk kienx hemm brix taht l-istess vettura. Dan l-ezami milli jidher, qatt ma sar, jew qatt ma ssemma xejn jekk kienx hemm brix taht il-vettura misjuqa mill-imputat. Ma sar lanqas l-ebda ezami taht il-vettura misjuqa minn Calleja sabiex jigi eskluz li l-brix mal-art, giex ikkagunat mill-vettura misjuqa minn Calleja. Lanqas tressqu provi dwar kemm kien jidher li ilu li sar dan il-brix, kif ukoll lanqas tressqu xi provi li per ezempju, ma sehhewx incidenti f'dik il-parti tat-triq li setghu hallew tali brix fl-art.

v. Fil-hames lok, Mario Buttigieg wasal ghal konkluzzjoni li l-imputat kien qed isuq b'velocità aktar b'sahhtu, milli kienet qed tinstaq il-vettura misjuqa minn Maria Calleja. Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx li din il-konkluzzjoni giet ippruvata lil hinn minn kull dubju ragonevoli mill-Prosekuzzjoni. Kif già inghad, kuntrarjament ghal dak deciz mill-espert Mario Buttigieg, din il-Qorti ma thossha bl-ebda mod konvinta li l-incident sehh fil-karreggjata tan-naha fejn kellha tinstaq il-vettura Toyota Vitz, izda sehh fil-karreggjata tan-naha fejn kellha u kienet qed tinstaq il-vettura BMW.

Ghal dawn ir-ragunijiet fuq elenkati, din il_Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li dan l-incident sehh tort tal-imputat. Addirittura, il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq provi sufficjenti lil hinn minn kull dubju ragonevoli dwar kif verament sehh l-incident in ezami. Per konsegwenza, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet ma giet ippruvata.

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din l-Onorabbli Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi tillibera lill-imputat minn kull kundanna u htija, stante li t-tliet imputazzjonijiet ma gewx ippruvati lil hinn minn kull dubju ragonevoli.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**